




# MILIED MAN-NANNU

**Novella ta' PAUL P. BORG**

Lilu niftakru xiħ, x'aktarx mirżugħ bil-bard u jien kont għadni żgħira, żgħira ħafna.

Dak il-Milied jibqa' mċappas quddiem għajnejja sal-ġurnata mqaddsa tal-lum, u ngħid għaliex.

L-ewwelnett, in-nannu kien bniedem t'għalih waħdu, kien jara ftit, b'nuċċali oħxon u dejjem idur b''biċċa mħadda biex joqgħod fuqha fejn hemm ftit xemx. Kien iħoss ħafna kesħa, miskin, u idejh x'aktarx kienu jkunu ħomor u qishom bil-qoxra; ma' widnejh dejjem b'xi biċċa merqtuxa, għar-riħa.

In-nanna dejjem tħambaq: 'Pawl, inġiblek ftit tè?'' jew ''Insaħħanlek ftit ħalib?''

Miskin, l-hena tiegħu kienet li jitla' għall-quddies jew għar-rużarju xi siegħa sħiħa qabel. Ixiddlek qorq bil-qfiel miftuħa, sidrija ta' missieru u jerħilha għal għonq it-triq. Biex imur il-kappella kien igħaddi minn mogħdijiet qalb l-għelieqi biex żgur ma jiltaqax ma' nies, u jilħaq kollox. Ġieli kont naqbad id in-nanna u nitilgħu flimkien, kemm kemm niċċaqalqu, naraw min tiela' u min mhux, x'libset dik, x'velu għandha l-oħra u xi kultant in-nanna kienet tgedwed xi talba ċkejkna...

L-aktar li konna nitilgħu ferħana kien għall-ħabta tal-Milied. Ġgajta tfal lebsin tal-Ħadd, min taparsi jsuq mutur u min jistħajlu xi żiemel jagħti biż-żewġ. Iżda aħna l-bniet konna nkunu miġburin qaqoċċa flimkien, bil-velu milbus mid-dar u x'aktarx ngħannu xi ħaġa tal-Milied. Warajna kien ikun hemm in-nisa, ommi, ta' ħdejna, ta' warajna, ta' quddiemna u kulħadd igħid u jgħid. Milied tiela' u ieħor nieżel, min iżżewweġ u min miet...

Fil-bogħod, qalb l-għelieqi mdawla bid-dawl li kien jasal bla saħħa mill-mixgħela 'Il-Milied it-Tajjeb' f'nofs il-misraħ tal-kappella, iħaffef ġmielu għal żmienu, iżda għalih waħdu mitluf fi ħsibijietu u f'tifkiriet ta' ħajja twila u ta' 'l fuq minn tmenin Milied, kien ikun hemm in-nannu b'idejh mistrieħa wara dahru, waħda fl-oħra.

La niġu lura mill-knisja kien jinxteħet mistrieħ fuq l-għatba tal-bitħa u meta jfettillu jirrakkonta xi storja. ''Darba tafx, konna Sqallija, kien il-Milied u ġie wieħed u ħadna ħdejn ix-xmara u